MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT MS. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2011

Citazzjoni Numru. 58/2011

**Banif Bank (Malta) plc C 41030**

**Vs**

**Joseph Cutajar K.I. Nru. 499893 (M) u**
**Antoinette Cutajar K.I. Nru. 455192 (M)**

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u disghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€23,890.78), bilanc ta’ self li nghata lill-konvenuti. Ir-rikors guramentat gie prezentat skont il-procedura sommarja specjali[1] fit-13 ta’ Lulju 2011.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tallum fl-10.00a.m.

---

[1] Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta

Illi l-konvenuti gew debitament notifikati izda ghalkemm imsejhin diversi drabi fis-seduta tal-5 ta' Awwissu baqghu ma dehrux.

Semghet bil-gurament lil Joseph Formosa, rapprezentant tal-Bank attur, li kkonferma li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sallum ebda hlas ma sar mill-konvenuti u li ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu. Ix-xhud ikkonferma bil-gurament tieghu d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet permezz ta' zewg kuntratti ppubblikati fl-Atti tan-Nutar Dr Anthony Hili datati erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010)[2] kkoncediet self lill-konvenuti ta' *business loan* ta' hamsa u sebghin elf Euro (€75,000) u *business overdraft* ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000). Sussegwentement, ai termini ta' l-istess kuntratti, il-partijiet qablu li jaghmlu modifiki fit-termini u l-kundizzjonijiet li tahthom kien inghata s-self, liema modifiki huma msejjha *rescheduling* fil-lingwagg bankarju. Dan ir-*rescheduling* sehh ai termini ta' l-artikolu 3 tas-*sanction letter* datata 5 ta' Jannar 2011[3]. In virtu' ta' dan, is-self sar jikkonsisti f'*business loan II* ta' tlieta u ghoxrin elf u mitejn Euro (€23,200).

Illi jirrizulta mill-istatement ezebit[4], liema statement gie kkonfermat bil-gurament minn Joseph Formosa fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2011, u mix-xhieda ta' l-istess Joseph Formiosa li ebda hlas ma sar mill-konvenuti u ghalhekk ai termini ta' l-artikolu 11(1) tas-*sanction letter* id-dejn tal-konvenuti sar pagabbli lura b'mod immedjat.

Ghalhekk m'hemmx dubju li mix-xhieda ta' Joseph Formosa u mill-atti t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi t-tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u dan billi :

---

[2] Ara Dok A u Dok B a fol 7 *et seq* tal-process
[3] Ara Dok C a fol 25 *et seq* tal-process
[4] Ara Dok D a fol 32 tal-process

(1) Taqta’ u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u disghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€23,890.78);

(3) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta’ tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u disghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€23,890.78);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti mill-21 ta’ Gunju 2011 sad-data tal-hlas effettiv bir-rati kif mitluba mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------